MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Numru. 704/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Abdilla)**
**(Spettur Martin Sammut)**
**vs**
**Kurt Manuel Pace**

**Kurt Manuel Pace ta' 17 il- sena, iben Carmel sive Charmel Pace u Anna nee` Manicolo , imwieled il-Pieta fit-13 ta' Jannar, 1980, u residenti gewwa Block 1, Flat 2, Triq il-Hawha, San Gwann, detentur tal-karta ta' l-identia 651900 (M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Kurt Manuel Pace u cioe' talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-5 ta' Awissu 2007 gewwa il-Klabb tal-Bocci San Gwann li jinsab fi Triq il-Pepprin San Gwann u/jew fil-vicinanzi f'xi hin bejn il-Hamsa u il-Hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17.00hrs-17.30hrs), minghajr il-hsieb li joqtol jew li

jqieghed il-hajja f'periklu car ikkaguna, feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Carmelo Spiteri minn San Giljan, detentur ta' karta ta' identita nru 387261(M).

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-11 ta' Ottubru, 2007, u semghet il-kunsens mghoti mill-imputat sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuza migjuba, liema ammissjoni giet irriaffermata mill-imputat u dan wara li l-Qorti tghatu zmien biex jirrikunsidra l-istess.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta' l-ammissjoni mghamula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' l-akkuza miguba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti qabel xejn sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija mghamulha mill-imputat u l-eta tenera tieghu. Jidher illi dan kien incident li inqala' bejn grupp ta' zaghzagh u ragel Ingliz li fil-mument ta' ritaljazzjoni ghall-azzjoni maghmula fil-konfront tieghu l-imputat laqat accidentalment lill-parte leza bi flixkun biex b'hekk sehhu l-konsegwenzi li wasslu ghall-kaz odjern.

Il-Qorti ghalhekk thoss illi ghandha tinghata opportunita lil dan iz-zaghzugh sabiex jipprova fil-futur joqghod attent ghall-ghemil tieghu meta jigi f'sitwazzjonijiet kompromettenti bhal kif gara f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(a)(ii), 216(1)(b), 37, 17, 23, 31 u l-artikolu 230 (1). 232(a) u 234 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu, izda ghar-ragunijiet hawn fuq migjuba u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tillibera lill-imputat bil-

kundizzjoni li huwa ma jikkommettix reat iehor fi zmien (2) sentejn mill-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jaghmel reat iehor f'dan il-perjodu ta' liberta kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------